MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 1001/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ann Marie Micallef)**

**vs**

**Carmel Mallia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Mallia ta’ 37 sena, bin Carmelo u Antonio nee’ Mangion, mwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Marzu 1974 u residenti Nru. 13, Triq San Giljan, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 211974(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-6 ta’ Lulju 2011, u fil-jiem ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer (Malta),

1. Gieghel annimal u cioe ziemel, isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn ;

2. Fl-istess data u cirkostanzi, naqas meta zamm jew qabel li jzomm annimal u cioe ziemel ghandu ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' Awwissu 2011 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-6 ta Lulju 2011 ghall-habta tal-11.30am il-Pulizija rcevew rapport[1] li kien hemm ziemel li kkollassa fi Triq ix-Xatt tal-Pieta' u mill-provi rrizulta li meta marru fuq il-post sabu ziemel mitluq mal-art fejn kien hemm sidu, u cioe' l-imputat odjern, hdejh. L-imputat li jahdem bhala kuccier bil-karozzin kien telaq mid-dar f'B'Kara bil-karozzin armat bil-lest u kien wasal il-Belt ghall-habta tad-9.30am izda ghall-habta tal-10.30am innota li z-ziemel kien gharqan hafna u huwa qabad it-triq sabiex jerga' lura d-dar izda meta wasal tal-Pieta' ra li z-ziemel kien qieghed hazin u huwa ghalhekk waqaf u hall liz-ziemel minn mal-karozzin fejn imbaghad iz-ziemel ikollassa mal-art. L-imputat cempel lil veterinarju tieghu izda dan ma setghax imur fuq

[1] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 54 et sequitur tal-atti processwali

il-post u baghat lil veterinarju iehor, Dr. Gareth Grech. Meta dan tal-ahhar mar fuq il-post huwa seta' jinnota li z-ziemel kien qed jitghawweg bl-ugiegh u wara li huwa prova jamministra medikazzjoni ghal darba darbtejn sabiex itaffi l-ugiegh u wara li ghaddew kwazi saghtejn u z-ziemel baqa' migugh hafna huwa gab il-permess tal-imputat sabiex iz-ziemel jitraqqad sabiex ma jkompliex isofri. Il-kaz gie riferut lil Animal Welfare Directorate u wara li dawn investigaw il-kaz billi tkellmu mal-veterinarju koncernat u raw ir-rapport minnu mhejji huma dehrilhom li l-imputat gieghel liz-ziemel isofri ugiegh u tbatija minghajr bzonn u li ma kienx hemm trattament xieraq da parti tieghu tal-annimal in dizamina u ghalhekk baghtu kwerela lil Pulizija[2] sabiex jinbdew proceduri fil-konfronti tal-imputat a tenur tal-Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghar-rapport dettaljat imhejji mill-veterinarju Dr. Gareth Grech[3] u ghax-xhieda minnu moghtija waqt l-udjenzi tat-12 ta' Jannar 2012 u tal-24 ta Mejju 2012 fejn huwa xehed in ezami u in kontro-ezami u fejn ix-xhud ikkonferma l-kontenut tar-rapport minnu mhejji. Illi l-veterinarju jghid kif gie nfurmat illi ziemel li kien qieghed jigbed karozzin kien hassu hazing u kien jinsab mitluq fit-Triq ix-Xatt, il-Pieta. Il-Veterinarju jghid illi huwa wasal fuq il-post ghall-habta tal-12:15 hrs fejn hemm sab iz-ziemel espost ghas-shana qawwija tax-xem. Ikompli jghid illi z-ziemel kien "in an agitated state suffering from severe abdominal pain to the extent that all four limbs were stretched and tense with the forelimbs producing tremors right up to the shoulders" (certifikat mediku esebit a fol 23 u 24 mmarkat bhala Dok EB1). Illi aktar l'isfel fic-certifikat huwa jghid li dan iz-ziemel "was showing severe symptoms of colic". Jekk wiehed ifittex id-definizzjoni tal-kelma "Colic", tirrizulta li hija "a potentially fatal condition, experiences by horses, caused by intestinal displacement or blockage" (Definition

[2] Inserit a a fol. 20 sa 22 tal-atti processwali
[3] Rapport relattiv inserit a fol. 23 u 24 tal-atti processwali.

from Wikipedia site). Illi apparti dawn is-sintomi wara ezamijiet ulterjuri li saru mill-istess Veterinarju fuq il-post, instab li dan iz-ziemel kellu "clay-like substance occluding the naso-gastric tube", fejn sahanistra kellu jintefa ilma sabiex jigi determinat x'kienet din is-sustanza, fejn irrizulta li kien ikel xott. Illi l-Veterinarju sabiex ikun possibli ghalih li jipprova jnaqqas dan l-ugiegh talab li z-ziemel jigi mwaqqaf fuq saqajh fejn l-imputat minn naha tieghu ghamel uzu mill-frostin tieghu ghal diversi drabi fuq iz-ziemel, u kien hawn li gie mwaqqaf kemm mill-Veterinarju kif ukoll minn Pulizija li kien waqaf sabiex imexxi t-traffiku. Wara saghtejn fuq il-post jipprova jirrimedja l-Veterinjaru wasal ghal konkluzjoni li ma' kienx ghad fadal x'jista jghamel hlief li jraqqad iz-ziemel u dan minhabba t-tbatija li kien qed isofri. Dan ic-certifikat gie guramentat fix-xhieda ta' l-istess veterinarju li ta fit-12 ta' Jannar, 2012 u li tinsab inserita a fol 28 tal-process.

Illi fix-xhieda tieghu Dr. Gareth Grech li ta b'gurament quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Jannar, 2012 fuq domanda li saritlu mill-prosekuzzjoni x'irrizultatlu u x'waslu sabiex irraqqad liz-ziemel jghid illi z-ziemel "kien agitated, kien qed jipprova jitqanzah, tant hu hekk li kellu….rectal prolapsed u kien hemm sintomi ta' bloat u kien hemm sintomi ta' dehydration, exhaustion, fatigue". (Referenza ghax-xhieda ta' Dr. Gareth Grech a fol 30 tal-process). Ghar-rigward l-ilma li ghandu jigi misqi dan iz-ziemel, Dr. Gareth Grech jghid illi "fuq ir-rotta, jekk jeghreq jkun irid replacement ghal hydration". (Referenza ghax-xhieda ta' Dr. Gareth Grech a fol 32 tal-process). U jkompli jghid fit-twegiba li jmiss illi "ma' kienx hemm ilma fl-istonku ghax il-materjal kien xott". Illi nistghu nkomplu nevalwaw ix-xhieda li ta Dr. Gareth Grech fejn ghal iktar mnn darba jghid u jikkonferma illi dan iz-ziemel kieb baghta minn nuqqas t'ilma. Illi ghar-rigward ta' l-uzu tal-frosta, fuq domanda li saritlu mill-Prosekuzzjoni, Dr. Grech jghid jirreferi ghall-imputat, illi "iva sawtu ma' nafx kemm-il darba fuq il-warrani tieghu biex jipprova jhajjru jqum….U niftakar kien hemm il-pulizija prezenti u qallu biex ma' jergax jghamilha". (Referenza ghax-xhieda ta' Dr. Gareth Grech a fol 34 tal-process). Dan kollu reggha gie kkonferma minn Dr. Grech nhar l-24 ta' Mejju, 2012 meta

reggha gie msejjah ghal kontro-ezami minn naha tad-difiza. Interessanti u ta' min jinnota dak li rrimarka fl-ahhar parti tal-kontro-ezami tieghu, fejn Dr. Grech jghid "jiena nemmen li l-ilma jrid ikun available il-hin kollu ghaz-zwiemel specjalment wara li jahdmu u jekk ziemel jahdem hafna, ovvjament jaqbdu hafna ghatx, jrid jixrob u jrid jiehu naqra mistrieh". (Referenza ghax-xhieda ta' Dr. Gareth Grech a fol 63 tal-process".

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda a tempo vergine huwa kien irrilaxxja stqarrija[4] fejn huwa jghid li kien telaq ghall-gurnata tax-xoghol armat minn B'Kara sal-Belt fejn wasal ghall-habta tad-disgha ta' filghodu. Huwa kompla jghid illi ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghodu innota li z-ziemel kien ixxarrab bl-gharaq u ghalhekk iddecieda li jsuq lura lejn B'Kara. Kif wasal l-Pieta' l-imputat hass li z-ziemel ma' kienx qieghed sew u ghalhekk waqaf u zarma l-karozzin minn mieghu u kie dak il-hin li cempel lil Veterinarju tieghu certu Dr. Borg fejn dan kien bghatlu lil Dr. Gareth Grech. L-imputat jistqarr li z-ziemel kien waqa' ma' l-art qabel ma' wasal l-veterinarju fuq il-post. In kontro-ezami meta mistoqsi kemm jikkalkula li kien ta ilma liz-ziemel matul il-gurnata l-imputat irrisponda bil-mod segwenti:-

"Mhux tikalkula imma meta tarah qed jonfoh, tahsillu rasu u wiccu sew bl-ilma ghax ma' tistghax tisqi….fejn ikompli jghid fir-risposta segwenti illi jekk ittih hafna ilma se tghamillu d-deni". Fl-istqarrija inoltre l-imputat qal li meta z-ziemel jibda' jixxarrab bl-gharaq ifisser li jkun telghalu d-deni.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tax-xhieda tal-veterinarju Dr. Gareth Grech u anki minn dak li l-imputat qal fl-istqarrija l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat gieghel liz-ziemel tieghu isofri

[4] Inserita a fol. 46 u 47 tal-atti processwali.

ugiegh u tbatija inutilment  meta minkejja li fi kliemu stess induna li z-ziemel kien telghalu d-deni huwa ghazel li jgieghel liz-ziemel jigbed il-karozzin mill-Belt sabiex jirritorna d-dar u dan minflok gab karru sabiex iz-ziemel li kellu d–deni jigi trasportat jew altrimenti cempel lil veterinarju sabiex dan seta' jmur il-Belt u jamministra l-kura liz-ziemel. Dan l-agir fih innifsu zgur li jammonta f'mohqrija izda mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat kompla jagixxi b'mod tali li kkaguna aktar ugiegh liz-ziemel ghaliex mix-xhieda ta' Dr. Gareth Grech jirrizulta li waqt li z-ziemel kien mitluq mal-art l-imputat beda' jaghtih daqqiet ta' frosta sabiex iqum u huwa kellu jigi mwaqqaf mill-Pulizija li kien hemm fuq il-post.  Il-Qorti jidrilha li r-raguni ndikata mill-imputat il-ghala huwa ta d-daqqiet ta' frosta liz-ziemel waqt li dan kien mixhut mal-art jitghawweg bl-ugiegh, u cioe' sabiex jahsdu sabiex iqum minn mal-art, hija ghal kollox inaccettabbli u bl-ebda mod ma tiggustifika l-agir tal-imputat.  Il-Qorti inoltre jidrilha li l-fatt li l-imputat ghazel li jhalli z-ziemel f'dik is-shana minghajr ma jaghtih jixrob sabiex b'hekk iz-ziemel spicca kompletament dehydrated tammonta ghal trattament mhux xieraq tal-istess ziemel. Kif diga' intqal aktar 'il fuq iz-ziemel f'dawk il-kundizzjonijiet ta' shana u fejn kien mexa' minn B'Kara sal-Belt u kien rega' sejjer lura B'Kara kellu bzonn jinghata l-ilma b'mod kontinwu. L-imputat f'dan ir-rigward ex admissis jghid li kull ma ghamel kien li xarrab ras iz-ziemel u halqu bl-ilma u dan minflok tah jixrob kemm kellu bzonn.

Il-Qorti jidrilha li l-agir tal-imputat u t-trattament mhux xieraq li ta liz-ziemel waslu sabiex l-istess ziemel sofra ugiegh u tbatija inutli u waslu wkoll ghall-mewt tieghu ghaliex meta l-imputat ghazel li jcempel lil veterinarju sabiex tinghata kura liz-ziemel kien tard wisq. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-konsegwenzi serji tal-agir tal-imputat fejn iz-ziemel kellu jitraqqad kif ukoll tat-tbatija kbira li ghadda minnha z-ziemel qabel ma traqqad minhabba dan l-agir u jidrilha li

fic-cirkostanzi ghandha timponi piena karcerarja sospiza kif ukoll wahda pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(2) u (3) u 45 tal-Kap. 439 tal-Ligijet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum u multa ta’ elfejn Ewro (€2,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------